12 ta' Ottubru, 1955

Imħallef :
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.

**Frank** Borg *versus* Dominic **Cachia**

**Danni — Kompetenza — Spejjeż Ġudizzjarji**

*L-attur li jitlob somma, bħala danni, li għandha tiġi likwidata mill-Qorti f'ammont li ma jeċċedix £10 għall-finijiet evidenti tal-kompetenza, biex il-kawża ma tkunx ta' kompetenza tal-Qorti Superjuri, ma għandux jiġi kundannat ibati parti mill-ispejjeż tal-kawża billi l-Qorti tillikwida s-somma tad-danni f'ammont inferjuri; u dan partikularment meta l-konvenut ma jkunx għamel ebda offerta konkreta ta' ħlas ta' xi somma qabel ma saret il-perizja, u anzi jkun ukoll ikkontesta r-responsabilità personali tiegħu għad-danni.*

Il-Qorti; — Rat it-talba ta' l-attur fl-avviż nru. 215 ta' l-1955 quddiem il-Qorti Ċivili Inferjuri tal-Maġistrati ta' Malta għall-kundanna tal-konvenut għall-ħlas ta' dik is-somma li tiġi minn dik il-Qorti likwidata, li ma teċċedix £10, in linea ta' danni kaġunati mill-konvenut f'car mikrija għandu b'self drive; bl-ispejjeż, komprizi dawk ta' ittra interpellatorja, kontra l-istess konvenut;

*Omissis ;*

Rat is-sentenza tal-Qorti Ċivili Inferjuri tal-Maġistrati ta' Malta tal-5 ta' Awissu, 1955, li adottat ir-rapport tal-perit u laqgħet it-talba ta' l-attur, u kkundannat lill-konvenut għall-ħlas ta' £4.0.6; u billi l-attur għamel it-talba ta' iżjed minn £5, ordnat li l-ispejjeż jitħallsu b'dan il-mod : id-drittijiet tar-Reġistru u tad-difensuri għas-sentenza jitħallsu bin-nofs, u dawk tal-perizja u tad-difensuri għas-seduti jitħallsu tlieta minn erbgħa mill-konvenut u waħda minn erbgħa mill-attur; billi kkunsidrat;

Illi dina l-Qorti taqbel mal-perit li mill-provi mismugħa, speċjalment mix-xhieda tal-Maġġur Gray, prodott mill-istess konvenut, jirriżulta dan li ġej ......;

*Omissis ;*

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur, li biha dan appella

mis-sentenza fuq imsemmija tal-Qorti Ċivili Inferjuri tal-Maġistrati ta' Malta tal-5 ta' Awissu, 1955;

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur, li biha dan talab li s-sentenza fuq imsemmija, minnu appellata, tiġi konfermata fil-meritu u revokata fil-kap ta' l-ispejjeż; billi jiġi deċiż li l-ispejjeż kollha jbatihom il-konvenut; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi fl-avviż l-attur talab ammont illikwidu, u semma' li dana ma għandux jeċċedi l-£10, għall-finijiet evidenti tal-kompetenza skond l-art. 46 tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; għax inkella l-kawża kienet tkun ta' kompetenza superjuri. Għaldaqstant ma messux jiġi kundannat jbati biċċa mill-ispejjeż, partikularment meta l-konvenut ma kienx għamel ebda offerta konkreta ta' ħlas ta' xi somma qabel ma saret il-perizja, anzi kkontesta wkoll ir-responsabilità personali għad-danni;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata fuq il-kap ta' l-ispejjeż, u tordna li l-ispejjeż kollha jbatihom il-konvenut appellat, u tikkonferma fil-meritu s-sentenza appellata. Bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-appellat.